Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 831/00

Joseph Lia

Vs

Jeremy u Doris Buhagiar

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm539) rapprezentanti import ta' kambjala iffirmata u accettata mill-konvenuti li skadiet fl-20 ta' Settembru 1995 minghajr ma thallset.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Marzu 1999, tal-mandat ta' sekwestru u tal-ittra ufficjali pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2000 intalbet iz-zieda tal-kliem "u bl-imghax legali mill-20 ta' Settembru 1995".

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici; ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Joseph Vella u rat il-kambjala originali esebita a fol 9 tal-process, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikat u timmerita konferma u ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' hames mija disgha u tletin lira Maltin (Lm539) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 t'Ottubru 1995.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg